MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2013

Numru. 318/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR RENNIE STIVALA**

**VS**

**RAYMOND BUHAGIAR**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Raymond Buhagiar, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 134256 (M).

**Akkuzat talli:**

F’Dicembru, 2011, u qabel, f’dawn il-Gzejjer:

1. Ghamel falzifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta` bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

2. U aktar talli fl-istess dati, hin u cirkostanzi xjentement ghamel uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta` sejbien ta` htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta` spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li rat il-provi prodotta u x-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li hadet in konsidrazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat Raymond Buhagiar inghata zmien ta` ripensament u rega` kkonferma l-ammissjoni. Dr. Malcolm Mifsud ghall-imputat prezenti in awla u l-ispettur Rennie

Stivala spjegaw id-dinamika ta` dan ir-reat illi jikkonsisti sempliciment fil-fatt illli l-imputat iffirma *cheque* ta` *account* illi huwa ma kellux il-firma tieghu izda pero li huwa l-*majority shareholder* tal-kumpanija. Din il-kawza giet istitwita fuq ir-rapport ta` min kellu jithallas izda l-ispettur prosekutur qieghed jinforma l-Qorti li l-imputat diga hallas terz minn dan l-ammont zghir dovut u fadal elfejn u seba` mitt ewro (€2,700) li ghadhom dovuti lil kwerelant li l-imputat qieghed presenzjalment u wkoll tramite l-avukat tieghu obbliga ruhu li jhallas fi zmien qasir. In vista ta` dan, din il-Qorti temmen illi l-piena karcerarja effettiva m'hijiex is-soluzzjoni sabiex da nil-kaz jigi risolt u tilliberah ghalhekk bil-kundizzjoni ghal perjodu ta` tnax (12) –il xahar millum a tenur tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------